VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,466, 21 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 267 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Agriculture – Dip. Agric. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Agriculture - Dip. Agric., u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Agriculture - Dip. Agric. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Agrikoltura, ippubblikati bħala Avviż Legali 14 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 u 4 għandhom japplikaw mit-8 ta' Mejju, 2015 'il quddiem.

(2) L-ordinament 5 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Agriculture – Dip. Agric. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

VERŻJONI ELETTRONIKA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut tal-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Agriculture – Dip. Agric. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għall-Kors;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Agriculture - Dip. Agric.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Kors" tfisser il-programm li jwassal għad-Diploma in Agriculture - Dip. Agric.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul skont ir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università."